# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **23** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2011 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud (daħal għall-laqgħa fis-5.40p.m) |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett (daħal għall-laqgħa fis-5.40p.m)<br>Is-Sur Daniel Spiteri (daħal għall-laqgħa fis-6.00p.m)<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 22.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoi tal-Kwotazzjonijiet.
   a) MLC 04/2011 – Quotation for Flight Tickets Malta Gatwick and return.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 22(1) tat-18 ta' Mejju 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Minuti tal-Laqgħa Nru 22(1) tat-18 ta' Mejju 2011.

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq punt # 3.6 ta' paġna 4 jekk il-Perit hux ser joħroġ ir-rapport ta' teknika biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-Perit ser jagħti l-parir tekniku tiegħu u mhux ser jkun parti mill-bord ta' aġġudikazzjoni għalkemm ikun jista jiġi mitlub biex jattendi u jassisti l-bord. Apparti hekk ser jkun hemm rapport minn Engineer ukoll biex jitħejja rapport dettaljat u estensiv li jkun jista jiggwida lill-istess bord.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq punt #6.0 ta' paġna 17 fejn staqsa għaliex hemm differenza sostanzjali għal-ġbir ta' skart bejn il-fondi li konna appuntajna meta mqabbla mal-fondi li ġew użati.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien ser jiċċekja ma l-*Accountant* tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kompla jiġbed l-attenzjoni fuq l-istess punt illi anke fil-*law enforcement* hemm differenza fil-flus allokati.

2.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ried jgħamel kjarifika fuq punt #3.10 ta' paġna 5 peress fil-laqgħa preċedenti ma kiex għamel il-kummenti tiegħu.

Huwa qajjem tlett punti u beda bl-ewwel punt u qal li hu ma jaqbliex illi s-siġar tal-ġnien jinqalgħu u jerġgħu jitħawlu. It-tieni punt li qajjem kien li ma jaqbielx li l-ġnien jogħla u jiġi livell maz-zuntier tal-Knisja minħabba l-impatt fuq ir-residenti tal-madwar. L-aħħar punt li qal il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud kien li lanqas jaqbel il ssir *car park* taħt il-ġnien minħabba l-inkonvenjent għall-istess residenti tal-madwar.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi ~~ħadd mill-Kunsillier ma kien ħa deċiżjoni s'issa dwar x'għandu jsir.~~ sa fejn jaf hu l-Kunsill kien għadu ma ħax deċiżjoni dwar x'se jsir fil-ġnien.

Is-Sindku wkoll xtaq li jagħmel kjarifika fuq dan is-suġġett. Huwa stqarr li hija tal-mistħija kif nofs tużżana nies tas-soltu jinqdew b'*e mails* ta' residenti skalin kontra l-volonta tagħhom biex b'hekk iwasslu b'tgħawwiġ ta' fatti u gideb. Dawn l-*e mails* bdew biex biddlu it-titlu ta' żvilupp tal-ġnien għall-waħda tal-qerda tal-ġnien. Is-Sindku kompla jgħid li min għandu skop li jifred il-Kunsill jew joħloq xi diżgwid bejn il-Kunsilliera żgur li mhux ser jirnexxielu u qal li kien lest għall-darba oħra jispjega dwar l-fatti kif veru ġraw.

Is-Sindku qal illi din il-kwistjonu bdiet billi xi ħadd għadda nformazzjoni ħażina l-Onor George Vella biex b'hekk isemmi l-iżvilupp tal-ġnien Sant' Anna fl-aġġornament fil-Parlament. Is-Sindku żied jgħid l-Onor Vella ma' jistax wieħed jagħtih tort sa barra ħlief għall-ħaga waħda li ma' vverifikax l-informazzjoni li kien ingħata biex jiċċekkja jekk dak li kien wasallu l-informazzjoni kienx għax veru jħobb l-ambjent u l-Marsaskala jew b'xi skop ieħor. Iżda l-Editur tal-ġurnal `*Malta Today*` ħada xorta oħra u għamel kuntatt mas-Sindku biex b'hekk jivverifika l-fatti.

Is-Sindku qal hekk:

*"Irrid nkun ċar u għall-darba ngħid li persuna/i irresponsabbli għadda nformazzjoni ħażina lill-Onor Geroge Vella biex b'hekk bid-diskors tiegħu fl-aġġornament fil-Parlament żvija mħuħ tal-iskali rigwardl-iżvilupp tal-Ġnien, kif ukoll rigwrad l-binja Ta' Monita.*

*Jien ħassejt li kelli nirribatto ċertu insinwazzjonijiet li ma kienux ċari mal-ġurnal Malta Today u dan wara li jiena vverifikajt mal-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri. Dawn fil-fatt qablu li kemm t-tnejn li huma oġġezzjonaw biex ma jinħariġx l-permess tal-binja Ta' Monita. Għalhekk jiena sħaqt kemm il-darba li l-Onor George Vella kien ġie żvijat u miżinfurmat.*

*Il-Bini fuq Ta' Monita' beda jinbena fl'2006 meta jien kont għadni kief ġejt maħtur Sindku . Ma nafx kif mill-ġungla ta' konkos Ta' Monita` qlibna fuq Ġnien Sant'Anna u kif ukoll l-iżvilupp ta' Ġnien Sant'Anna qed jiġi riferut għalih fl-emails li qed jintbagħatu bħala l-qerda ta' Ġnien Sant'Anna, meta aħna kull ma rridu huwa tisbieħ u żvilupp fiċ-ċentru tal-lokal.*

*Jiena qatt ma semmejt il-parkeġġ għax ridtu jiena personali iżda għax meta kienet saret laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet kien hemm minn propona li ssir 'car park' u jien kull ma għamilt kien biss li ressaqt din il-proposta. Għamilt dan għax naf kemm hawn nuqqas ta' parkeġġ.*

*Jiena personalment naqbel illi s-siġar protetti ma jitmissux u lanqas l-'public open space' ħliex fejn ser jinbena l-bini amministrattiv tal-Kunsill. Dan ser jinbena fil-parti ta' wara tal-ġnien li jmiss ma Triq Santa Tereza.*

*Il-Kunsill huwa tal-komunita` u b'hekk isir xi jsir aħna kostretti li niddiskutu flimkien kull pjanta li ser tiġi preżentata. L-idea l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-ġnien kollu, ħarġet meta fl-2009 konna attendejna seminar mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali ta' dak iż-żmien fejn kien ħareġ ċar li issa l-Kunsill setgħa liberament jaħdem mal-privat bl-iskema tal-PPP (private public partneship). Jiena kemm l-darba ressaqt dan quddiem l-Kunsill u qatt ħadt mill-Kunsilliera ma oġġeżjona għal dan."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wkoll ried jiċċara xi punti u żied ma li qal is-Sindku illi fis-sena 1997 meta hu kien membru fil-Kunsill, kienu saru diġa pjanti sabiex jinbena Ċentru Ċiviku fejn hemm l-art proposta.

Huwa kompla jgħid illi l-informazzjoni li qed tasal għand ir-residenti mhux korretta u qed ikunu nfurmati ħażin u l-biża tiegħu hi li jwassal li bini tal-Kunsill jispiċċa ma jinbeniex.

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud qal li dak iż-żmien ma kienitx saret konsultazzjoni mar-residenti minħabba li diġa kien hemm propost li jsir Ċentru Ċiviku. Huwa kompla jgħid li jixtieq li la l-girna u lanqas il-funtana ma jitmessew.

~~Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li ma tistax timmodernizza u tħalli l-funtana fejn hi. Huwa kompla jgħid illi l-MEPA qedgħa hemm sabiex tara li l-affarijiet jsiru skond il-liġi.~~
Il-Kunsillier J B Camilleri qal li jippretendi li l-MEPA għandha tara li xejn ma jsir jekk mhux skont ir-regoli tal-permess

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li nistaqsu lill-MEPA xi proġetti jistgħu jsiru qabel ma noħorġu l-'*Expression of Interest*' minħabba li qed jgħaddi ħafna żmien. fir-rigward tal-bini amministrattiv għaliex dan il-binja għandna bżonna.

Is-Sindku wieġbu illi x-xahar d-dieħel ser noħorġu l-'*expression of interest*' u minn hemm wieħed jara.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ried jagħmel kjarifika għaliex fis-seduta numru 20 kien ġie ikkwotat illi hu jaqbel mal-*'car park'*. Filfatt hu qatt ma iddikjara li jaqbel li għanda ssir *'car park'* iżda jaqbel li għanda tissolva l-problema tal-parkeġġ minħabba l-iskola.

Kien hemm qbil unanimu li jsir it-tisbieħ ta' dan il-Ġnien u ma titmessx l-*public open space* ħlief għal-bini amministrattiv tal-Kunsill.

3.0 ***Kommunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Studenti għall-Ungerija bil-programm Youth in Action:**

Is-Sindku spjega li dan huwa proġġett tad-Douzelage iżda s-Sur Mark Causon qed japplika għalih mid-D Consulta. Huwa kompla jispjega li ser jitilgħu għaxar studenti apparti hu u s-Sur Mark Causon. Dawn l-istudenti ser jħallsu €166 biss għaliex din s-safra tiswa l-fuq minn €700 u l-Kunsill mhux ħa joħroġ l-ebda fondi u l-*pier diem allowance* lis-Sindku.

Huwa kompla jispjega li dawn l-istudenti huma kollha minn Marsaskala apparti waħda li hija minn Ħal Tarxien, iżda hija involuta fil-*Girl Guides* tagħna.

Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri lista ta' studenti għal-futur.

Is-Sindku kompla jinforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsillier is-Sur George Farrugia flimkien ma erba` studenti ser jitilgħu Sherbourne f'Awissu. L-istudenti ser jħallsu biss madwar €200. Il-Kunsill ser jħallas biss il-biljetti ta' l-ajru u l-*'pier diem allowance'* tal-Kunsillier is-Sur George Farrugia.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-proġett tal-*'Bee Keeping'* u qallhom li rridu nsibu studenti preferibilment li ħadu bħal kos il-biology. Huwa kompla jgħid illi l-proġett ta' Ateni tħassar peress li s-sitwazzjoni f'dan il-pajjiż fil-preżent ma' tantx hija waħda tajba.

Is-Sindku qal li kemm ilna fid-Douzelage tagħjna opportunita` lit-22 student sabiex jsifru barra minn Malta fuq proġetti varji.

3.2 **Proposed Planters and LPG tank (35/2806/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bil-komunikat tal-Perit Mark Arrigo fejn talab li jingħata permess sabiex jinbena planter.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mportanti li ma tkunx ta' ostaklu għal-viżjoni tas-sewwieqa għal min jkun nieżel minn Triq il-Qaliet għax ma jarawx lil min ikun ħiereġ minn Triq tal-Gardiel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jekk ikun hemm xi nċident li jibqgħu deħlin ġo din il-*'planter'* jistgħa jkun fatali peress li taħta ser jkun hemm ċilindru tal-gass kbir u n-*'nozzle'* minn fejn ser jingħata l-gass ser ikun fil-ħamrija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit Mark Arrigo l-ewwel ser japplika lill-*'Lands'* u wara l-MEPA kif ukoll l-MRA skond il-korrispondenza.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mportani illi il-persuna li ser tissuplixxi l-gass jkollha post adekwat li ma jkunx ta' ostaklu għall-vetturi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu aktar dettalji fuq kemm ser ikun l-fuq t-tank tal-gass, jekk hu ser ikunu ta' xi ostaklu għat-traffiku u jekk hux ha jkun hemm protezzjoni jekk ikun hemm xi impatt fil-planter.

3.3 **<u>Triq il-Vajrita (35/2797/11/I):</u>**

Is-Sindku spjega l-komunikat tas-Sur Cassar fejn talab sabiex Triq il-Vajrita issir *'one way'* l-isfel minflokk kif qegħda fil-preżent one way il-fuq minħabba l-karozzi qegħdin jħokku l-qiegħ u qed jkun hemm ħafna emissjonijiet ta' dħaħen. Huwa kompla jgħid li dalwaqt tinfetaħ Triq il-Gandofli u qegħda fil-proċess sabiex tkompli tinfetaħ Triq Nigel Dennis li tagħti għal-Triq is-Salini.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li biex issir din it-triq *'one way'* bil-kontra, Triq is-Sajjieda għanda ssir *'one way'* titla biss, biex b'hekk jnaqqsu l-periklu minn inċidenti sejri tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq il-Vajrita issir *'one way'* l-isfel, tinżel biss u Triq is-Sajjieda issir *'one way'* il-fuq, titla biss liema suġġeriment għandu jitressaq għall-attenzjoni tat-TM għall-approvazzjoni.

3.4 **<u>2011 04 25 MSKC First Insp Report:</u>**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera rigward r-rapport ta' l-MSA. Huwa qalilhom illi hu u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kienu marru fi Ġnien David Vella sabiex jaraw in-nuqqasijiet li hemm.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu kien diġa mar fuq il-post mal-kuntrattur sabiex issir base ħalli nagħttu fejn kien hemm l-arblu tad-dawl. Il-kuntrattur għandu jagħmel *'shutter'* u jagħti l-konkos biex jagħlaq l-bażi ta' l-arbli tad-dawl u fuqhom jitpoġġa tapit.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-MSA talbuna sabiex naqilgħu t-tabelli li tindika li hemm *'CCTV Camera'* peress li l-*'cameras'* li hemm huma *'dummy cameras'*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa jaqbel li jinqagħlu t-tabelli li m'hemmx CCTV camera pero` id-*'dummy cameras'* jibqgħu hemm minħabba li dawn iservu bħala deterrent.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw jekk nistgħux nħallu d-*'dummy cameras'* fil-post.

3.5 **<u>Steel Quotation.</u>**

Is-Sindku preżenta l-kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata l-grada fi Ġnien David Vella skond l-istruzzjonijiet maħruġa mil-MSA u jsiru 4 *'flanges'* biex l-arbli li hemm mad-dawra ta' Ġnein Charles Clews jitqiegħdu b'mod permanenti mad-dawratal-monument.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

3.6 **<u>Applikazzjonijiet ta' Camping Sites u BBQ:</u>**

3.6.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill illi minn japplika għal *'bbq'* għandna nagħmlulhom il-permess sabiex jkollna nformazzjoni ta' min qed japplika ħalli jekk jitħalla l-ħmieġ nkunu nafu minn hu iżda dan l-permess jibda jinħareġ mingħajr ħlas.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*litter act* tghidlek sabiex persuna titħarrek trid tinqabad waqt li tkun qiegħda tħammeġ.

Il-kunsillier L.Ciantar pproponа li dawn il-permessi ikunu bla ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nagħmlu l-permess għall-informazzjoni biss u jkun bla ħlas. Dan il-permess għandu jinżamm għand l-individwu waqt li jkunu qed jagħmlu l-*'bbq'*.

3.6.2 Is-Sindku preżenta l-ittra tas-Sur Delia għal permess tal-*'camping'* il-ġewwa mill-ponta taż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx l-ebda oġġezzjoni li jgħamlu *'camping'* dejjem bil-permessi neċessarji mill-entatijiet kompetenti iżda l-Kunsill ma jistax joħroġ permess f'dan ir-rigward.

3.7 **<u>Request for letter of support for ICT supported Smart Energy Saving project proposal (35/2859/11/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li dawn huwa proġett pilota sabiex tiġi użata aħjar l-enerġija. Minbarra aħna hemm żewġ postijiet oħra li applikaw għal dan il-proġett fosthom Liverpool. Dan il-proġett jikkonsisti illi jintużaw panelli fotovoltajiċi u LED's. Huwa kompla jgħid illi l-Iskola u l-Knisja wrew l-interess li jidħlu għal dan il-proġett. Il-Kunsill mhux ser joħroġ fondi għal dan il-proġett u se jkun qiegħed japplika għan-nom ta' l-iskola u għan-nom tal-Knisja.

Il-Kunsill qabel unanimament fuq dan il-proġett.

3.8 **<u>Pittura tas-Sur John Martin Borg (35/2736/11/I):</u>**

Is-Sindku spjega illi s-Sur Martin Borg offra li nużaw ritratt tal-pittura minn tiegħu li qiedgħa fuq Marsaskala bla ħlas sabiex aħna nużawa biex nagħmlu l-kartolini tal-Milied. Is-Sur Borg kull ma qed jitlob bħala kumpenss huwa madwar 50 kartolina.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 **<u>Kajjik (35/3016/11/I):</u>**

Is-Sindku qal li l-Għaqda Bajja San Tumas offrew li jagħtuna kajjik bla ħlas sabiex nagħmluh bħala attrazzjoni fil-lokal tagħna bħal ma hemm f'diversi postijiet barra minn Malta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li mportanti li nagħmlulu drain ħalli ma jżommx l-ilma.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-kajjik jitpoġġa fit-tieni *central strip* qabel titla għal Triq il-Blajjiet min naħa ta' Ħaz Zabbar, u anke jitpoġġew xi xtieli fih. Għandna napplikaw għal-permessi neċessarji fil-każ li jkun hemm bżonn.

3.10 **<u>Report AGM Granville 2011 (35/3038/11):</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt għamel rapport iddetaljat ħafna għal meta telgħu Granville liema rapport inqara waqt seduta tal-Kunsill u jinsab anness mal-minuti.

3.11 **<u>Proġett ta' L-Unjoni Ewropeja:</u>**

Dan il-punt ġie diġa diskuss f'punt # 3.1

3.12 **<u>Programm Konfini:</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju fl-4.30p.m ħdejn is-Summer Nights ser jiġi ffilmjat il-programm Konfini. Huwa talab lill-Kunsilliera sabiex ikunu puntwali u jħejju diskors qasir .

3.13 **Bord ta' l-Aġġudikazzjoni ta' Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jibda jiltaqgħa l-bord tal-aġġudikazzjoni tal-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici u dan wara li jsir rapport dettaljat mil-Perit tal-Kunsill li se jkun assistit min inġiniera biex jitħejja rapport tajjeb.

3.14 **Memo 52/2011 Car Free Day (35/3129/11/I):**

Il-Kunsill qabel unanimament li ma nieħdux sehem f'din l-attivita minħabba li ma għandiex toroq alternattivi u allura toroq bħal Triq ix-Xatt ma jkunux jistgħu jingħalqu.

3.15 **Panelli:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li l-panelli ser jeħlu ċatti mat-torri, mal-ħajt li jgħati għal *'car park'*. Ġie deċiż li jeħlu hemm wara li kien mar ma' espert fuq il-post u iċċekjaw b'apparat apposta liema ħajt jara l-iktar xemx. Huwa qal ukoll illi ser napplikaw għal permessi neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-opinjoni tiegħu m'huwiex l-iktar ħajt li jara xemx.

Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri qal li hu ser joqgħod fuq ir-riżultat li indika l-appart tal-espert.

3.16 **Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-Tender ta' Air Quality Specialist:**

Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nfurmaw lill-Kunsilliera preżenti b'żewġ persuni li lesti li jagħmlu l-preparazzjonijiet għall-mistoqsijiet. Dawn huma s-Sur Tony Abela u Dr Mark Mifsud.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.17 **Triq Apap Bologna ħdejn il-Barumbara:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi hemm biċċa art fi Triq Apap Bologna li qiegħda ta' nkonvenjent u meta jipparkjaw quddiema qedgħin jkunu ta' ostaklu għar-residenti li joqgħodu faċċata.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lill-MEPA ħalli jinforma lis-sid biex inaddaf u jitella *boundary wall.*

3.18 **Metal Badges (35/3158/11/I):**

Is-Sindku ppreżenta korrispondenza dwar offerta ta' *'lapel badges'*.

Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw xi prezzijiet mingħand fornituri oħra sabiex nordnaw 200 *'lapel badge'* għal meta jkollna bżonnhom.

3.19 **Talba għal Guardianship Deed mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala flimkien ma' l-Għaqda Bajja San Tumas (35/3063/11/0):**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri nforma lill-Kunsilliera bil-laqgħa li kellu mas-Supretendent tal-Heritage s-Sur Anthony Pace. Huwa iltaqa ukoll mal-Għaqda fejn iddraftjaw l-*'agreement'* u kitbu l-ittra lill-Lands fejn se tintalab d-devoluzzjoni tal-Batterija ta' Rumi li tinsab San Tumas.

Huwa kompla jispjega li d-devoluzzjoni ser joħoda l-Kunsill u se jsir *'agreement'* apparti ma' l-Għaqda għal-10 snin sabiex ikun jistgħa jagħmlu l-affarijiet kollha neċessarji.

3.20 **First Aid Course (35/3254/11/I):**

Is-Sindku nofrma lill-Kunsilliera bil-kors tal-first aid li qed joffru l-ETC bla ħlas.

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għal dan il-kors.

3.21 **Permessi tal-Festa:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-permessi għal festa ser jinħarġu bħas-snin ta' qabel.

3.22 **Expression of Interest Ġnien Sant' Anna:**

Din il-kommunikazzjoni ġiet diskussa f'punt numru 2.1.3

3.23 **Fishing World Record Event Blue Sea Sports Angling Award for Puttinu Cares:**

Is-Sindku qal li għandu jingħata rikonoxximent lill-dan il-klabb għall-din l-attivita`.

3.24 **Ġieħ Marsaskala 2011:**

Is-Sindku ssuġerixxa li Ġieħ Marsaskala jingħata lit-tifel Andre Abela ta' l-għan nobbli li għamel ma sieħbu tal-klassi li kien marid bil-kanċer u fil-fatt kien ġie rikonoxxut ukoll billi nagħta il-medalja ta' Papa Gwanni XXIII.

Il-Kunsill approva unanimament li din is-sena jingħata Ġieħ Marsaskala lilu.

3.25 **Microchipping tal-Klieb:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera sabiex nippermettu lil żewġ veterinarji jutillizaw l-ewwel kamra tal-*training centre* ħalli joffru s-servizz tal-'*microchipping*' tal-klieb.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.26 **Outdoor Maps:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill bil-laqgħa li saret mal-Blues Ltd rigward l-'*outdoor maps*' u staqsijhom jekk hemmx xi ħadd li ma jaqbilx mal-'*email*' li konna bgħatna liema email tindika l-postijiet proposti mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-postijiet proposti u li l-Kunsill għandu jipproċedi.

3.27 **Telephone Box fi Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa illi din it-'*telephone box*' titneħħa minħabba li ma tintużax u jagħmlu ħafna vandaliżmu fuqha.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.28 **Xogħol fil-Country Style Cafeteria ta' Pjazza Mifsud Bonnici:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi minħabba id-dewmien li qedgħin jieħdu f'dan il-ħanut, jistgħa jikkawża periklu lit-tfal illi iktar qedgħin jifrekwentaw dan il-bandli, minħabba li qiegħed idaħħal il-vetturi fl-istess ġnien.

Kien hemm qbil unanimu li għandna niġbdlu l-attenzjoni dwar dan.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq pagament #472 għaliex hu kien jidhirlu illi l-kwotazzjoni kienet ferm irħas.

Il-Kunsill qabel unanimament illi qabel ma nipproċedu b'dan il-ħlas għandna niċċekjaw il-kwotazzjoni.

4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud spjega fuq pagament #477 fejn qal illi l-flus li ħriġna għal din l-attivita` daħħalnijom mill-biljetti.

4.3 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri spjega li hu kien qed jikklejmja issa għar-rimbors ta' l-ispejjeż tiegħu, għax kien qed jistenna li l-ewwel il-Kunsill jdaħħal il-flus minn Judenberg.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoni MLC 04/2011 – Quotation for Flight Tickets***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta żewġ kwotazzjonijiet li ntefgħu għal din is-sejħa:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | KD Travel Services Ltd | €290 |
| 2. | ROCS Group | €295 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi peress li prezzijiet laħqu għolew l-irħas offerta li ġibna kienet tar-ROCS Group b'€305 filwaqt li tal-KD Travels Services Ltd kienet €348.

Għaldaqstant il-Kunsill ibbukja mar-ROCS Group.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mill- Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#256 - 27/04/11):**

*"Jipproponi sabiex isiru parking bays ta' mutur fejn m'hemmx spazju ta' karozza".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2 **Mozzjoni mressaq mill- Viċi Sindku – s-Sur Charlot Mifsud (#257 - 16/05/11):**

*"Jipproponi sabiex isiru żewġ/ tlieta bankijiet oħra tal-briks miksijin bil-konkos ħdejn il-baħar in-naħa ta' taħt il-Well, fi Triq is-Salini".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.3 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#258 - 23/4/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu crash barriers fil-kantuniera ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq ta' Rumi peress illi min ta' l-inqas darbtejn fil-ġimgħa qed jidħlu vetturi fil-kantuniera tal-binja ezistenti".*

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lit-TM.

7.4 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#259 – 23/4/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex isiru pedestrian lights/crossing fi Triq id-Daħla ta' San Tumas qabel ma taqbad Triq ta' Rumi peress illi qed isiru xi nċidenti u qeda ta' periklu għar-residenti li jaqsmu minn hemm".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.5 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#260 – 6/6/11):</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu bankina ġdida fi Triq il-Maqsab iż-żewġ naħat peress li huma fi stat ħażin ħafna, nfakkar ukoll skond l-aħħar instruzzjonijiet li jekk m' hemmx katusi tul il-bankina għas servizzi jsir biex ma jerġgħux ikissru l-bankina għal dan il-għan".*

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li l-flus allokati għal dan il-kuntratt, ġew kważi eżawriti kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi napplikaw għal-fondi tal-UIF.

7.6 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#261 – 6/6/11):</u>**

*"Jipproponi li nagħmlu bankina kif tibda Triq San Ġużepp wara li titla' t-telgħa minn Triq iż-Żonqor. Din mhux twila ħafna madwar 10 metri".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.7 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#262 – 6/6/11):</u>**

*"Jipproponi li l-Kunsill jagħmel talba lill-MEPA ħalli jieħdu passi sabiex l-istat ħażin li jistab fih is-sit tal-ex Jerma Palace Hotel jiġi mħares billi jsir xi boundary wall. Dan qed ikun ta' inkonvenjent kbira għar-residenti tal-madwar".*

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lill-MEPA.

7.8 **<u>Mozzjoni mressaq mis-Sindku – s-Sur Mario Calleja (#263 – 13/6/11):</u>**

*"Dan l-aħħar tħabbar li tfajjel ta' 13-il sena Andre Abela minn Marsaskala ġie magħżul biex jieħu premju Papa XX111 peress li għall-dawn l-aħħar xhur kien imur iżur il-sieħbu tal-klassi l-isptar waqt li dan ta' l-aħħar kien maħkum mill-marda terminali tal-Kanċer. Peress li din is-sena hija sena Ewropeja tal-volontarjat u minn jheddi għaraf li jkun ta' spalla ma sieħbu sa kemm mar jiltaqa mal-Mulej, jiena nissuġerixxi li Ġieħ Marsasakla 2011 għandu jingħata lilu".*

Il-Kunsill qabel unanimament.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-Attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne nfurmat lill-Kunsilliera illi f'Lulju ser jibdew l-lezzjonijiet tal-tpinġija u krafts għat-tfal ta' bejn is-7 u 12-il sena u *'story telling'* għat-tfal ta' bejn it-3 u s-6 snin u s-7 u d-9 snin.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi għalissa l-lezzjonijiet taz-Zumba ser jieqfu. Huwa kompla jgħid li wara li aħna għamilna l-lezzjonijiet tal-Judo, l-klabb ta' Hibs ser jibda jgħati l-lezzjonijiet tal-Judo ġewwa Marsaskala. Hu qal ukoll illi ser jsir kors tal-First Aid mill-Malta Red Cross fis-Sala tal-Kappillan u l-Kunsill mhux ser joħroġ l-ebda fondi.

9.0 **Aġġornament :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.40p.m. Il-laqgħa li jmis ser tkun it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku